MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2008

Numru. 348/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Louise Calleja**

**vs**

**Luigi Scerri**
**Godfrey Scerri**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Luigi Scerri iben il-mejjet Vincenzo u Maria nee' Desain imwieled Hamrun nhar id-29 ta' Awissu 1936 u residenti 27, Triq il-Lunzjata, Santa Venera u detentur

tal-karta tal-identita' numru 602236 (M) u Godfrey Scerri iben il-mejjet Vincenzo u Maria nee' Desain imwieled Hamrun nhar il-11 ta' Dicembru 1937 u residenti f' numru 14, Triq Sant' Antnin, Zabbar u detentur tal-karta ta` l-identita` numru 874237(M) gew imressqa quddiemha akkuzati talli:-

Omissis u fi bnadi ohra f' dawn il-Gzejjer fl-1998 u fis-snin ta' qabel, b' diversi atti maghmulin minnhom ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda,

1. B' eghmil zieni ikkorrompew persuni ta' taht l' eta' ta' tnax-il sena (12), liema minuri gew fdati lilhom, imqar jekk ghal xi zmien, sabiex jiehdu hsiebhom, jedukawhom, jghallmuhom, jindukrawhom jew izommuhom.

Lil Luigi Scerri wahdu –

Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi,

1. Offenda l-pudur jew il-morali b' eghmil li sar f' lok pubbliku u/jew f' lok espost ghall-pubbliku.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 25 ta' Frar 2003 (esebita a fol. 244 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

Fil-konfronti taz-zewg imputati :

(a) Fl-Artikoli 18, 203(1)(a)(b)(c), 20, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali.
(b) Zieda fil-konfronti ta' Luigi Scerri fl-Artikoli 209 u 17(h) tal-Kodici Kriminali.

Rat li waqt l-udjenza tal-24 ta' Jannar 2006, l-imputati Luigi Scerri u Godfrey Scerri ddikjaraw li huma m' ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi u rat l-atti kollha ta' dan il-procediment.

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz, li jirrigwarda allegat abbuz sesswali fuq tlett ahwa minorenni, huma fil-qosor dawn li gejjin. Fit-30 ta' Novembru 1998 sar rapport lic-Child Protection Unit fi hdan l-Agenzija Appogg minn ghalliema tal-iskola omissis li tifla ta' hdax-il sena certu omissis kienet qaltilha li kienet qed tigi abbuzata sesswalment minn missierha omissis. Fil-jiem sussegwenti saret *school visit* minn Ruth Sciberras u Maria Zahra, zewg social workers fi hdan ic-Child Protection Unit, fejn is-*social workers* kellmu lil omissis u fejn din qaltilhom li missierha kien jaqbdilha idejha u jpoggiha fuq il-parti genitali tieghu u spjegat li dan l-abbuz kien beda meta hija kellha hames snin. It-tifla qalet lis-social workers li hija xtaqet li dan l-abbuz jieqaf izda ma rieditx lil missierha jmur il-habs. Jidher li z-zewg *social workers* ghamlu wkoll zjara fid-dar tal-minuri fejn kellmu lil omm it-tifla izda din dehret li ma kienet taf xejn dwar dak allegat mit-tifla u qaltilhom li hija ma xtaqitx tipprocedi bil-Pulizija. F'Dicembru 1998 is-*social workers* kellmu liz-zewg genituri flimkien u l-missier innega li huwa qatt kien abbuza minn bintu u l-genituri awtorizzaw lis-*social workers* ikellmu lit-tlett ahwa l-ohra ta' omissis u cioe' omissis, omissis u omissis, izda dawn it-tlett itfal ma semmew xejn dwar abbuz sesswali la minn missierhom u l-anqas minn terzi persuni. Waqt sessions li saru ma' omissis fix-xhur ta' Jannar u Frar 1999 din tal-ahhar qalet lis-*social workers* li l-abbuz sesswali da parti ta' missierha kien waqaf. Fid-9 ta' Frar 1999 dahal rapport iehor lic-Child Protection Unit u din id-darba ir-rapport sar mis-surmast tal-iskola primarja ta' omissis, fejn dan qalilhom li omissis, tifla ta' tmien snin, kienet qalet lill-ghalliema taghha li hija kienet qed tigi abbuzata sesswalment minn qassis habib tal-familja. Meta s-*social workers* marru jkellmu lit-tifla l-iskola it-tifla indikat li Fr. Louis Scerri, li kien habib tal-familja, meta kien imur ghandhom kien igeghla tmiss il-parti genitali tieghu. It-tifla qalet lis-social

workers li hija kienet tibza' minn Fr. Louis Scerri ghaliex huwa kien jghidilha li jekk titkellem kien ser jaghtiha bis-sieq u jigbdilha xaghrha. It-tifla qalet lis-*social workers* li kien hemm okkazzjoni fejn Fr. Louis Scerri waqt il-puricissjoni tal-Gimgha l-Kbira kien sabha wahidha u geghlha tpoggi idha fuq il-parti genitali tieghu. Omissis semmiet incident iehor fejn Godfrey Scerri, hu Fr. Louis Scerri, kien fil-bitha tad-dar taghhom u kien geghlha thokk il-parti genitali tieghu mal-parti genitali taghha.

Is-*social workers* marru jinfurmaw lil omm it-tifla b'dak li kien qed jigi allegat minn omissis u din regghat qalet li ma kienet taf xejn dwar dak li kien qed jigri u qaltilhom li kienet ser tinforma lil zewgha. Fis-16 ta' Frar 1999 il-familja omissis marru l-ufficcju tac-Child Protection Unit fejn is-social workers kellmu lil kull membru tal-familja individwalment. Din id-darba omissis u omissis qalulhom li huma kienu qed jigu abbuzati minn Godfrey Scerri u omissis qalet ukoll li kienet giet abbuzata wkoll minn Fr. Louis Scerri. F'din l-okkazzjoni omissis qalet lis-social workers li ma kienx veru li hija kienet giet abbuzata minn missierha. Kien biss f'dan l-istadju li s-*social workers* irreferew il-kaz lil Pulizija anki ghaliex il-genituri tal-minuri qalulhom li xtaqu li jipprocedu fil-konfronti tal-imsemmija Louis Scerri u Godfrey Scerri. F'Jannar 2001 wara li omissis pruvat tahrab mid-dar, hi flimkien ma' ohtha z-zghira omissis marru joqoghdu omissis. F'Settembru 2001 is-*social worker* Ruth Sciberras kienet giet avvicinata minn omissis fejn din qaltilha li meta kellha tlettax-il sena hija kienet giet abbuzata sesswalment minn missierha izda dan l-abbuz waqaf mal-ewwel ghaliex dan sar ftit qabel iz-zmien li s-*social workers* bdew jinvolvu ruhhom fil-kaz tal-familja taghhom. Omissis qalet lis-*social workers* li hija ma xtaqitx tipprocedi kontra missierha izda xtaqet biss li titlaq mid-dar.

Illi dwar l-allegata korruzzjoni tat-tlett minuri hawn fuq imsemmija saret Inkjesta Magisterjali u l-process verbal relattiv jinsab inserit a fol. 59 et sequitur tal-atti processwali. It-tlett minuri, u cioe' omissis, omissis u omissis lkoll xehdu quddiem il-Magistrat Inkwirenti. It-tlett minuri xehdu wkoll fil-proceduri odjerni fejn huma allegaw

li fi zminijiet u f'postijiet differenti huma kien gew abbuzati sesswalment miz-zewg imputati. Omissis li xehdet fl-udjenza tat-2 ta' Lulju 2002 (xhieda relattiva inserita a fol. 13 sa 36) fejn hija indikat incidenti separati fejn iz-zewg imputati kienu geghluha tpoggi idejha fuq il-parti genitali taghhom. Hija indikat okkazzjoni partikolari fejn waqt li l-familja kienu kollha imdawrin mal-mejda qeghdin jieklu u kien hemm mistednin iz-zewg imputati, l-imputat Louis Scerri kien qabdilha idejha u poggiha fuq il-parti genitali tieghu kif ukoll semmiet okkazzjoni ohra li saret waqt il-Purcissjoni tal-Gimgha l-Kbira fejn l-imputat Luigi Scerri kien tellaghha fuq il-bejt u geghlha tmiss il-parti genitali tieghu.

Omissis li xehdet fl-udjenza tat-2 ta' Lulju 2002 (deposizzjoni relattiva inserita a fol. 37 sa 53 tal-process) indikat li kien hemm okkazjonijiet fejn qabdet lill-imputat Luigi Scerri jimmasturba u huwa mbaghad kien qabdilha idejha u geghlha timmasturbah. Hija semmiet ukoll incident fejn waqt li kienet taht il-mejda tal-kcina tad-dar taghhom rat lill-imputat Godfrey Scerri li kien bil-qeghda mal-mejda flimkien ma' ohtha omissis, jaqbad id ohtha omissis u jpoggiha taht il-qalziet tieghu.

Omissis xehdet f'dawn il-proceduri fl-udjenza tas-26 ta' Lulju 2002 (xhieda inserita a fol. 131 sa 144 tal-atti processwali) fejn hija indikat li kien hemm incidenti fejn l-imputat Godfrey Scerri kien igeghlha tpoggi idejha fuq il-parti genitali tieghu u jzommha hemm. In kontro-ezami hija ammettiet li kienet originarjament allegat li kienet qed tigi abbuzata sesswalment minn missierha u li sussegwentement kienet irtirat dawn l-allegazzjonijiet izda f'din l-okkazzjoni qalet ukoll li kien minnu li hija kienet giet abbuzata sesswalment minn missierha u qalet ukoll li kienet tibza mhux hazin minn missierha omissis.

Missier it-tlett minuri ghazel li jixhed fil-proceduri odjerni u dan nonostante li hemm proceduri kriminali pendenti fil-konfronti tieghu rigwardanti l-allegat abbuz da parti tieghu fuq bintu omissis. Huwa xehed fl-udjenzi tal-24 ta' Jannar 2003 u tas-7 ta' Jannar 2005 fejn huwa spjega li liz-zewg imputati kien ilu jafhom ghal zmien twil u kif lill-imputat

Godfrey Scerri kien sar jafu meta kien tifel u dan tal-ahhar kien l-ghalliem tieghu. Huwa qal li z-zewg imputati kienu hbieb tal-familja u kienu jghinuh fix-xoghol li kellu jsir fid-dar tieghu. Huwa spjega li kien tela' jixhed il-Kurja dwar il-kaz odjern u in kontro-ezami huwa cahad li qatt abbuza minn bintu omissis. Huwa, dejjem in kontro-ezami, ikkonferma li fil-prezenza ta' ohtu, ta' ommu u ta' martu kien gieghel lit-tfal jghidu fuq *tape recorder* li huwa ma kienx abbuza minnhom. Huwa qal li dan it-*tape recording* sar madwar gimgha jew gimgha u nofs wara li bintu omissis qalet lis-social workers li huwa kien qed jabbuza minnha. Huwa kkonferma wkoll li kienet idea tieghu li jsir dan it-*tape recording* u li kien jaf minn qabel x'ser jghidu t-tfal li lkoll tkellmu quddiem xulxin. Omissis qal li t-*tape recording* ghaddieh lil Kurja meta tela' jixhed quddiemhom u qal li m'ghandux kopja ta' dan it-tape. Omissis qal ukoll in kontro-ezami li huwa kien mar fuq tlett programmi fuq it-television jitkellem fuq l-allegat abbuz ta' uliedu mill-imputati.

L-imputati it-tnejn irrilaxxjaw stqarriji lil Pulizija (l-stqarrija ta' l-imputat Luigi Scerri tinsab esebita a fol. 203 sa 208 tal-process u l-istqarrija ta' Godfrey Scerri tinsab esebita a fol. 128 sa 130 tal-process) u ghazlu li jixhdu f'dawn il-proceduri (deposizzjonijiet relattivi inseriti a fol. 282 sa 300 u 302 sa 318 in kwantu jirrigwarda l-imputat Godfrey Scerri u a fol. 262 sa 274 in kwantu jirrigwarda l-imputat Luigi Scerri) fejn huma dejjem innegaw kategorikament li qatt abbuzaw mit-tlett minuri omissis, omissis u omissis.

Ikkunsidrat:

Illi f'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni qed issus il-kaz taghha kompletament fuq ix-xhieda tat-tlett minuri omissis, omissis u omissis stante li kif jigri kwazi dejjem f'dawn it-tip ta' kazijiet, ma hemmx xhieda okulari li jistghu jikkorroboraw dak allegat mit-tlett minuri. Fil-kaz odjern l-anqas ma giet prodotta xi evidenza medika li tikkorrobora dak allegat mit-tlett minuri involuti u ghalhekk kollox jirrivolvi fuq il-kredibilta' o meno taghhom. Il-Qorti ghalhekk fliet b'reqqa kbira ix-xhieda li taw omissis, omissis u omissis quddiem il-Magistrat Inkwirenti kif ukoll

ix-xhieda minnhom moghtija fil-proceduri odjerni u setghat tinnota varji inkonsistenzi bejn dawk li xehdu quddiem il-Magistrat Inkwirenti u dawn li xehdu f'dawn il-proceduri liema inkonsistenzi jitfghu dubji serji dwar il-kredibilta' taghhom meta huma rrakkontaw l-allegat abbuz sesswali li sar miz-zewg imputati.

Wiehed per ezempju jista' jirriskontra inkonsistenzi serji u rilevanti bejn dak li xehdet omissis quddiem il-Magistrat Inkwirenti fl-1 ta' Marzu 1999 u dak li xehdet waqt il-proceduri odjerni fl-udjenza tat-2 ta' Lulju 2002 fejn meta xehdet quddiem il-Magistrat Inkwirenti hija semmiet hafna fatti ferm rilevanti li ma regghatx irripetithom jew almenu accennat ghalihom waqt dawn il-proceduri. Fil-fatt meta xehdet waqt l-Inkjesta Magisterjali omissis kienet qalet is-segwenti :-

1. L-imputat Fr. Louis Scerri kien jaqbad il-pupi tal-blocks u waqt li qed jilaghbu "**qabadli idejja u ghamilili mal-parti tieghu**". Dan gara meta il-minuri kienet verament zghira. Dan l-allegat fatt ma jissemmix mix-xhud fil-proceduri odjerni;

2. Allegat incident fil-festa tal-Gimgha l-Kbira fuq il-bejt. Fl-Inkjesta tghid li l-imputat Fr. Louis Scerri qallha "**ejja busli hawn u naghtik hames liri**". Kompliet tghid li tela missierha fuq il-bejt u mistoqsija mill-Magistrat Inkwirenti "**jigifieri m'ghamel xejn dakinhar?**", ix-xhud twiegeb "**le u mbaghad jien ma bistlux li riedni**". Fil-proceduri odjerni x-xhud ma ssemmi xejn minn dan, anzi tghid li issa l-allegazzjoni kienet illi l-imputat Fr. Louis Scerri "**qalli biex naqbad u nmiss il-parti tieghu**". Tghid li hija obdietu u ghamlet hekk;

3. A folio 84 din il-minuri issemmi allegat fatt, illi fuq id-dghajsa ta' missierha, l-imputat Fr. Louis Scerri fil-prezenza ta' disgha minn nies « **hareg il-parti tieghu minn ma hdejn ix-shorts** ». Issa apparti l-inverosimiljanza illi persuna taghmel gest go dghajsa ta' 12 il-pied, bil-genituri tal-minuri, il-minuri u zewg persuni ohra prezenti u ma jaraha hadd, din l-allegata verzjoni ma tissemmiex meta omissis xehdet fil-proceduri odjerni.

4. Fl-Inkjesta omissis ssemmi allegat fatt illi fil-festa ta’ Santa Marija rat lill-imputat Fr. Louis Scerri li « **kien bla qalziet ta’ taht** ». Mistoqsija mill-Magistrat Inkwirenti fejn ; hi qalet id-dar u meta l-Magistrat Inkwirenti staqsieha « **imma kien jigri bla panty id-dar quddiem kulhadd ?** », omissis wiegbet « **iva, imma jien inhobb noqghod bil-qeghda mal-art u rajtu** ». Fil-proceduri odjerni din ix-xhud ma ssemmi xejn minn dan. Anzi ssemmi allegazzjoni differenti li fil-festa ta’ Santa Marija waqt l-ikla ta’ nofsinhar Fr. Louis Scerri rega’ qallha l-istess biex tpoggi idejha fuq il-parti tieghu. Il-Qorti jidrilha li din l-allegazzjoni hija inkreduli fid-deskrizzjoni taghha ta’ kif disgha minn nies madwar mejda zghira ma jindunaw b’xejn dwar dak li allegatament qed tghid li gara omissis ;

5. A folio 86 fl-Inkjesta ix-xhud tirrakonta allegazzjoni illi meta kellha xi sitt snin tiftakar li ommha kienet qed tqaxxar il-patata, missierha jitkellem fuq id-dghajsa, hi xghelet it-television u gie warajha Fr. Scerri u riedha tbuslu l-parti tieghu, pero’ ma tat l-ebda dettal iehor. Din l-allegazzjoni ma regghatx issemmiet meta omissis xehdet fil-proceduri odjerni. F’dan l-istadju huwa rilevanti li jigi nnutat illi il-minuri omissis allegat illi missierha kien iggelha taghmel l-istess cioe’ li tbuslu l-parti genitali tieghu ;

6. Kemm fil-proceduri odjerni kif ukoll fl-Inkjesta Magisterjali omissis issemmi allegazzjoni fejn riedet lill-ommha tixtrilha l-helu u l-imputat Godfrey Scerri kien ta’ 50 centezimu. Pero’ waqt li fl-Inkjesta tghid li wara li ta l-50 centezmu « **hu beda jhokk mieghi** », f’dawn il-proceduri taghti verzjoni differenti. Fl-Inkjesta tghid li beda jitla’ u jinzel maghha u meta giet mistoqsija ma’ fejn, qalet li kien ma darha. Fil-proceduri odjerni hi taghti verzjoni kompletament differenti fejn qalet « **Godfrey qalli biex naghmel idejja fuq il-parti tieghu. Ghamilt hekk jigifieri ghamilt idejja fuq il-parti tieghu u hu tani l-flus** »,

7. Meta xehdet fl-Inkjesta omissis qalet li l-imputat Godfrey Scerri kien jghidilha « **naghtik daqqa ta’ sieq u noqorsok** », biex il-minuri ma titkellimx. Fil-

proceduri odjerni hija min-naha l-ohra tghid illi l-imputat Godfrey Scerri kien jghidilha biex ma tghid xejn « **ghax inkella ma niehdokx fuq id-dghajsa** ».

Rigward ix-xhieda ta’ omissis l-akbar inkonsistenza riskontrata mill-Qorti tikkonsisti fil-fatt li din l-ewwel allegat li kienet qed tigi abbuzata minn missierha izda mbaghad sussegwentement irtirat din l-allegazzjoni u qalet li ma kienitx giet abbuzata minn missierha izda mill-imputat Godfrey Scerri u mbaghad meta xehdet f’dawn il-proceduri regghat bidlet il-verzjoni u in kontro-ezami qalet li huwa minnu illi hija kienet giet abbuzata minn missierha. F’dan l-istadju l-Qorti trid bilfors tirrileva li dak li allegat omissis fil-konfronti ta’ missierha jallegawh ukoll hutha izda jghidu li tali abbuz kien qed isir mill-imputati. Meta wiehed jikkunsidra dak li qalet din ix-xhud dwar it-*tape recording* li sar minn missierha fejn hi u hutha tkellmu dwar dak li kien gralhom, wiehed aktar u aktar isibha difficli li jemmen dak li qalet omissis fil-proceduri odjerni fil-konfronti taz-zewg imputati. Din ix-xhud fil-fatt spjegat kif missierha kien ikkonfrontaha dwar dak li hija kienet allegat fil-konfronti tieghu u tghid li huwa kien qalilha tghid li ma kienx veru u ssuggerilha *« mhux forsi qed jaghmillek xi haga xi hadd iehor minn dawn l-affarijiet….* » Huwa ferm rilevanti il-fatt li din ix-xhud qalet li kienet tibza minn missierha u anki l-fatt li hija kkonfermat li t-*tape recording* sar fuq insistenza ta’ missierha u ta’ ohtu u li hija semghat lil hutha jitkellmu u huma semghu lilha.

Rigward ix-xhieda ta’ omissis l-Qorti issibha difficli temmen per ezempju dak li qalet din ix-xhud dwar l-incident fejn hija dahlet taht il-mejda u fejn suppost rat lill-imputat Godfrey Scerri ipoggi idejn ohtha omissis fuq il-parti genitali tieghu anki ghaliex meta suppost gara l-allegat incident kien hemm prezenti ukoll fil-kamra omm il-minuri. Rigward incident li allegatament gara fuq id-dghajsa, waqt l-Inkjesta Magisterjali omissis xehdet biss li l-imputat Luigi Scerri kien fetah saqajh mentri meta xehdet fil-proceduri odjerni hija qalet li huwa kien hareg il-parti genitali tieghu minn gewwa s-shorts u beda jimmasturba. Din id-diskrepanza hija wahda sostanzjali u tirrendi r-rakkont ta’ omissis pjuttost inverosimili specjalment meta

wiehed jikkunsidra l-fatt li fuq id-dghajsa kien hemm il-genituri tal-minuri u meta wiehed jikkunsidra li d-dghajsa hija wahda pjuttost zghira. Diskrepanza ohra rilevanti ferm fir-rakkont ta’ omissis tirrigwarda r-rakkont dwar l-allegat incident tal-Gimgha l-Kbira. Filwaqt li meta xehdet fl-Inkjesta Magisterjali omissis irrakkontat dwar incident li gara waqt il-Gimgha l-Kbira li qaltilha dwaru ohtha omissis, meta xehdet fil-proceduri odjerni din ix-xhud tghid li dak li fl-inkjesta qalet li kien gara lil ohtha omissis fil-fatt kien gara lilha.

Apparti dawn l-inkonsistenzi fir-rakkont tat-tlett minuri l-Qorti qieset ukol is-segwenti fatturi sabiex waslet ghall-konkluzjoni li r-rakkont tat-tlett minuri m’huwiex kredibbli u ma jistghax jitwemmen :-

1. Il-fatt li meta f’ Dicembru 1998 is-social workers Ruth Sciberras u Maria Zahra marru jkellmu lit-tfal hadd minnhom ma semma xejn dwar l-allegat abbuz mill-imputati.

2. Il-fatt li meta omissis tkellmet mal-guidance teacher u qaltilha dwar l-allegat abbuz lli kien qed isir fuqha minn missierha m’ghamlitx l-icken accenn ghal xi abbuz iehor li kien qed isir fuqha minn terzi u kien biss wara li sar it-tape recording li sar referenza ghalih aktar ‘il fuq u wara li hija giet konfrontata minn missierha li hija bdiet issemmi l-abbuz da parti tal-imputati.

3. Il-fatt li omissis bidlet il-verzjoni taghha dwar l-abbuz da parti ta’ missierha fejn l-ewwel iritirat dak li kienet qalet fil-konfronti tieghu u mbaghad regghat qalet li veru kenu graw l-affarijiet li kienet allegat originarjament.

4. Dak li qalet il-psikologa Roberta Attard dwar omissis a fol. 189 tal-process u cioe’ *« jiena nhoss u dina opinjoni li omissis tiprotegi hafna lil missierha. Skond omissis missierha kien qal quddiem il-familja kollha li jekk hu jinstab hati li abbuza minn xi hadd minn uliedu jmur jaqbez ».* Dak li xehdu il-minuri ghalhekk bilfors irid jittiehed f’dan il-kuntest ukoll.

5. Ix-xhieda ta’ Dr. Stephen Attard (deposizjoni relattiva inserita a fol. 249 sa 254) li huwa pedjatra li jahdem fi hdan ic-Child Protection Unit dwar l-imgieba tat-tlett minuri fejn huwa jghid hekk *« li nnutajt f’April u hassejt li hu importanti u nizziltu certu lingwagg li dak il-hin hassejtu wisq arroganti u wisq inappropriate ghal tfal ta’ dik l-eta’, kien kliem oxxen, disinhibited, ma tippretendihx minn minn 12 year old jew 14 year old. »* Dwar omissis dan ix-xhud qal ukoll li din ma kienitx tidher li tisthi tuza kliem specifiku u ma ezitatx tiddeskrivi l-parti genitali taghha bl-aktar mod oxxen.

6. Il-fatt li nonostante li meta saru l-allegazjonijiet minn omissis fil-konfronti ta’ missierha u s-social worker imponiet fuq omissis il-kundizzjoni li ma jkellimx lil bintu dwar l-allegazzjonijiet, huwa ghazel li jinjora din il-kundizzjoni u kkonfronta lil bintu u ghazel li jgieghel lil uliedu jaghmlu it-tape recording session li saret referenza ghaliha aktar ‘il fuq fejn huma innegaw li kien sar xi abbuz minn missierhom.

7. Il-fatt li omissis ghazel li jippublicizza dak li kien allegatament gara lil uliedu billi mar fuq varji programmi tat-televizjoni. Dan kollu bilfors idahhal id-dubju li huwa effettivament agixxa b’dan il-mod sabiex inehhi r-rifletturi minn fuqu u jdawwarhom fuq haddiehor.

Dawn il-fatturi kollha li l-Qorti ghadha kemm accennat ghalihom kif ukoll il-varji inkonsistenzi fir-rakkont tat-tlett minuri iwassal lil Qorti sabiex tiddubita serjament mill-kredibilta’ ta’ omissis, omissis u omissis u sabiex tikkonkludi li l-verzjoni taghhom m’hijiex verosimili u ghalhekk ma tistghax titwemmen u li ghalhekk ma jistghax jigi ritenut li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-akkuzi fil-konfronti taz-zewg imputati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputati Luigi Scerri u Godfrey Scerri mhux hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfronti taghhom u konsegwentement tilliberahom mill-istess akkuzi.

Il-Qorti izzomm ferm id-digriet taghha tat-2 ta' Lulju 2002 fejn gie ordnat id-divjiet tal-pubblikazzjoni ta' isem it-tlett minorenni u tordna wkoll id-divjiet tal-pubblikazzjoni ta' isem il-familjari tal-istess minuri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------